# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 27 ta' Settembru 2019**

**Numru 1**
**Rikors kostituzzjonali numru 83/2018 JZM**

**Carmel Aquilina**

***v.***

**Il-Kummissarju tal-Pulizija**
**u l-Avukat Ġenerali**

1. Dan huwa appell tal-attur minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha fil-31 ta' Jannar 2019 li ċaħdet it-talba tiegħu biex tagħtih rimedju wara li ssib li seħħ ksur tad-dritt fondamentali tiegħu għal smigħ xieraq imħares taħt l-art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta [il-Kostituzzjoni] u l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali [il-Konvenzjoni Ewropea] għax igħid illi l-prosekuzzjoni mexxiet ħażin proċeduri kriminali kontra terzi li l-attur igħid illi kienu

ħatja ta' reati ta' qerq u approprjazzjoni indebita b'danni għalih, b'mod li nħelsu mill-akkużi miżjuba kontra tagħhom.

2. Il-fatti li wasslu għal din il-kawża huma dawn: l-attur kien daħal f'negozju ma' terzi u għaddielhom somon kbar ta' flus. Wara xi żmien deherlu li dawn it-terzi kienu qarrqu bih u approprjiaw għalihom il-flus li kien fdalhom. Għalhekk fis-17 ta' Marzu 2009 għamel rapport fil-Kwartier Ġenerali tal-Pulizija. Saru l-investigazzjonjiet u, wara li dawn it-terzi għamlu stqarrija, infetħu proċeduri kriminali kontra tagħhom.

3. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali [il-Qorti tal-Maġistrati], iżda, wara li qieset il-ġurisprudenza dwar id-dritt ta' għajnuna ta' avukat waqt interrogazzjoni, iddikjarat illi l-istqarrijiet ma setgħux jitressqu bħala prova billi min għamilhom ma kellux l-għajnuna ta' avukat meta saru, Għalhekk b'sentenza tal-20 ta' Ġunju 2018 illiberat lit-terzi mill-imputazzjonijiet billi sabithom mhux ħatja.

4. L-attur igħid illi dan seħħ minħabba fil-mod kif il-pulizija kisbet l-istqarrijiet, minħabba fil-mod kif tmexxiet il-prosekuzzjoni u minħabba fin-nuqqas tal-Istat Malti li jwettaq l-obbligu tiegħu li jagħti b'liġi d-dritt tal-għajnuna ta' avukat waqt interrogazzoni. Igħid ukoll illi l-proċeduri damu żmien twil biex inqatgħu. Dan kollu, igħid l-attur, wassal għal ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli.

5. L-attur igħid ukoll illi ġarrab ksur tal-jedd għal smigħ xieraq minħabba "żbilanċ proċesswali" billi l-liġi[1] ma tħallix illi hu bħala parti ċivili

[1] Art. 413 tal-Kodiċi Kriminali.

jressaq appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati, għalkemm l-imputati għandhom dak il-jedd ta' appell.

6. Billi jgħid illi b'dan kollu huwa ġarrab ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq imħares taħt l-art. 39 tal-Kostituzzjoni u l-art. 6 tal-Konvenzjoni, l-attur fetaħ din il-kawża tallum u talab illi l-qorti:

> »1. tiddikjara l-aġir tal-intimati, jew min minnhom, illegali u li jilledi d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti billi jiksru l-artikoli 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem, jew liem minnhom; u
>
> »2. tordna lill-intimati jew min minnhom iħallsu kumpens xieraq lir-rikorrenti, tenut kont iċ-ċirkostanzi kollha li l-qorti tqis bħala rilevanti; u
>
> »3. taghti dawk l-ordnijiet u direttivi oħra li jidhrilha xierqa skond il-liġi u ċirkostanzi tal-każ.«

7. Il-konvenuti ressqu dawn l-eċċezzjonijiet, fost oħrajn:

> »1. illi l-azzjoni tar-rikorrent ma tistax tirnexxi fuq l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għaliex fil-proċeduri kriminali fl-ismijiet <u>Il-Pulizija *v.* Ronald Agius u Stephanie Theuma</u> deċiżi bis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-20 ta' Ġunju 2018 la kienu qegħdin jiġu determinati jeddijiet jew obbligi ċivili tar-rikorrent u wisq anqas kienu qegħdin jiġu deċiżi akkużi kriminali li nħarġu kontrih;
>
> »2. illi waqt proċeduri kriminali l-garanziji proċedurali msemmija fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jgħoddu biss għal kull min ikun qiegħed jiġi mixli b`reat. Sewwasew fil-każ tagħna r-rikorrent Carmel Aquilina ma kienx persuna akkużata fil-proċeduri kriminali li huwa qed jilmenta dwarhom fir-rikors kostituzzjonali tiegħu. Għalhekk ladarba l-proċeduri kriminali mertu ta' din it-tilwima kostituzzjonali ma kinux diretti kontrih, huwa ma jistax jilmenta minħabba l-mod ta' kif dawn tmexxew u ġew konklużi;
>
> »3. illi hawnhekk wieħed ma jridx jinsa wkoll illi, kif insibu miktub fl-artikolu 3(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta` Malta, kull reat inissel azzjoni kriminali u azzjoni ċivili. Taħt l-artikolu 4(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta hemm imfisser li l-azzjoni kriminali mhijiex azzjoni tal-vittima iżda hija azzjoni essenzjalment pubblika li tmiss lill-istat u titmexxa fl-isem tar-Repubblika ta' Malta bil-mezz tal-Pulizija Eżekuttiva jew tal-Avukat Ġenerali, kif ikun il-każ, skont il-liġi. Imbaghad skont l-artikolu 6 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-azzjoni kriminali u l-azzjoni ċivili jitmexxew għal rashom. Għalhekk il-fatt li [l-imputati] ġew meħlusa mill-proċeduri kriminali b'rabta mal-akkużi ta' misapproprijazzjoni [*sic*] u ta' frodi bi ħsara tar-rikorrent, dan ma jfissirx li r-rikorrent ġie mċaħħad milli jekk irid iressaq l-azzjoni privata tiegħu fis-sura tal-azzjoni ċivili;

»4. illi għalhekk jekk ir-rikorrent ried li jkun suġġett ghal smigħ xieraq imħares bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea huwa messu fetaħ proċeduri ċivili fuq il-parametri tal-azzjoni delittwali. Żgur u mhux forsi però r-rikorrenti ma jistax isejjaħ favurih il-garanziji kostituzzjonali u konvenzjonali dwar il-proċeduri kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija *v.* Ronald Agius u Stephanie Theuma għaliex, kif ingħad aktar kmieni, fi proċeduri kriminali dawk il-garanziji jmissu biss lill-persuna akkużata.«

8. B'dikriet tat-8 ta' Novembru 2018 l-ewwel qorti iddifferiet il-kawża għas-sentenza dwar dawn l-erba' eċċezzjonijiet u mbagħad, bis-sentenza tal-31 ta' Jannar 2019 li minnha sar dan l-appell, laqgħet l-eċċezzjonijiet u ċaħdet it-talbiet tal-attur bl-ispejjeż, għal raġunijiet li fissrithom hekk:

»Ir-rikorrent jibni l-lanjanza tiegħu fuq erba' binarji: a) il-fatt illi ġiet skartata l-istqarrija tal-imputati u konsegwentment ir-rapport tiegħu ma setax jiġi investigat b'mod effettiv; b) l-apprezzament żbaljat tal-provi; ċ) smigħ xieraq fi żmien raġonevoli; u d) ebda dritt ta' appell mis-sentenza li jfisser ksur tal-prinċipju tal-*equality of arms*. … … …

»L-intimati jilqgħu għal-lanjanzi tar-rikorrenti billi jikkontendu illi, fil-kors tal-kawża kontra Ronald Agius u Stephanie Theuma, la kienu qegħdin jiġu determinati d-drittijiet jew l-obbligi tar-rikorrent, u lanqas kienu qegħdin jittieħdu proċeduri kontra r-rikorrent. Igħidu li t-tutela tal-art. 39 tal-Kostituzzjoni u tal-art. 6 tal-Konvenzjoni tgħodd biss għall-imputat ta' kawża kriminali mhux għall-*parte civile*. Ir-rikorrent ma setax iressaq ilment f'sede bħal dik ta' kompetenza ta' din il-qorti dwar il-mod kif kienu kondotti l-proċeduri kriminali. Isostnu li l-proċeduri kriminali u dawk ċivili huma indipendenti minn xulxin. Għalhekk, għalkemm Ronald Agius u Stephanie Theuma kienu liberati mill-akkużi dedotti kontra tagħhom, u s-sentenza kontra tagħhom saret ġudikat, xejn ma jżomm lir-rikorrent milli jistitwixxi proċeduri ċivili kontra tagħhom.

»L-intimati qegħdin jeċċepixxu li r-rikorrent m'għandux l-interess ġuridiku li jippromwovi l-azzjoni odjerna billi ma jikkwalifikax bħala "vittma" għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi. Ir-rikorrent la huwa imputat u lanqas persuna suspettata fil-kuntest ta' pretensjoni dwar ksur tad-dritt għal smigħ xieraq. L-intimati jikkontendu li l-art. 39 tal-Kostituzzjoni u l-art. 6 tal-Konvenzjoni huwa applikabbli biss għall-imputat u mhux għall-*parte civile*.

»Il-partijiet għamlu referenza għal għadd ta' sentenzi li trattaw il-kwistjoni ta' x'jikkostitwixxi l-i*status* ta' vittma.

»… … …

»Fil-każ tal-lum, jirriżulta li wara li kien investigat ir-rapport li sar mir-rikorrent kontra Ronald Agius u Stephanie Theuma, il-pulizija *ex officio* xliet lil dawn iż-żewġ persuni b'akkużi relatati mar-reat ta' ħasil ta' flus.

Fil-kors tal-proċediment kriminali, ir-rikorrent talab (u kien ammess) bħala *parte civile* skont l-art 410(3) tal-Kap. 9.

»Huwa evidenti mill-ġurisprudenza fuq ċitata li l-kwistjoni reali u sostanzjali li għandha quddiemha din il-qorti llum diġà kienet trattata *mutatis mutandis* fil-qrati tagħna u l-*ECtHR*.

»Jidher illi ngħatat direzzjoni interpretativa fis-sens illi l-*parte civile*, kif kien ir-rikorrent fil-kawża kriminali li kienet istitwita kontra Ronald Agius u Stephanie Theuma, ma jikkwalifikax għall-i*status* ta' vittma għall-fini tal-istanza kif promossa.

»Jidher mill-ġurisprudenza illi d-dritt tutelat bl-art. 6 tal-Konvenzjoni huwa aċċessibbli biss għal dik il-persuna li tkun *the subjeċt* ta' proċeduri fejn se jkunu determinati drittijiet jew obbligi ċivili, jew inkella dik il-persuna tkun imputat fi proċeduri kriminali li jiddeterminaw il-ħtija *o meno* tiegħu.

»Meqjusa l-ġurisprudenza ċitata aktar kmieni, u riferibbilment għall-fattispeċi tal-każ tal-lum, l-eżami li trid tagħmel din il-qorti huwa li tara jekk, fil-qafas leġislativ ta' pajjiżna, il-proċess kriminali huwiex essenzjali sabiex ikun hemm determinazzjoni tad-drittijiet ċivili tar-rikorrent. Jekk jirriżulta fl-affermattiv, allura r-rikorrent ikun jista' jressaq ilment skont l-art. 6 tal-Konvenzjoni. Jekk jirriżulta li r-rikorrent għandu jew kellu rimedju alternattiv li seta' jippersegwixxi fil-qrati ordinarji ċivili, indipendentement mill-esitu tal-proċeduri kriminali, allura ma jkunx jista' jipproċedi sabiex jinvoka l-applikazzjoni favur tiegħu tal-art. 6 tal-Konvenzjoni u tal-art. 39 tal-Kostituzzjoni.

»Għalkemm l-akkużi li bihom kienu mixlija Ronald Agius u Stephanie Theuma kienu dwar ħasil ta' flus, din il-qorti ma tarax illi sabiex ir-rikorrent jippreserva d-drittijiet ċivili tiegħu kellu ta' bilfors jistenna l-esitu tal-azzjoni kriminali għaliex l-akkużi kienu għal ħasil ta' flus.

»Jidher illi għar-rigward tal-każ tal-lum ma hemmx *victim status* għall-*parte civile* meta bil-proċeduri kriminali tkun determinata biss ħtija kriminali. Aċċertat illi r-rikorrent kien ammess bhala *parte civile* fil-kawża kriminali, ma jirriżultax illi fil-kawża kriminali kien hemm aspett ċivili li kien qed jiġi trattat u deċiż ukoll.

»Qed jingħad dan għaliex fis-sistema ġuridiku tagħna sal-lum, il-qrati ta' *indole* kriminali ma jagħmlu l-ebda likwidazzjoni ta' danni fil-każ ta' sejbien ta' ħtija kriminali tal-imputat. Skont l-ordinament ġuridiku tagħna, il-proċeduri ċivili u dawk kriminali jimxu indipendentement minn xulxin. Għalhekk, kien x'kien l-esitu tal-proċeduri kriminali, ir-rikorrent kellu dejjem id-dritt tiegħu għall-azzjoni ċivili għad-danni, dment li żamm attiva l-azzjoni bla ma ħallieha taqa' in preskrizzjoni.

»Fil-kaz tal-lum, ma jirriżultax li sal-lum ir-rikorrent ippreżenta kawża ċivili kontra Ronald Agius u/jew Stephanie Theuma sabiex dawn, jew min minnhom, ikunu kundannati jirrifondu dawk l-ammonti li jik-kontendi li kienu versati lilhom, abbażi ta' liema materja kien awtorizzat jipparteċipa bħala *parte civile* fil-kawża kriminali kontra dawk iż-żewġ persuni.

»Premess dan kollu, din il-qorti hija tal-fehma li tenut kont tal-fatti u ċirkostanzi tal-każ, fl-isfond tal-ġurisprudenza tal-qrati tagħna u tal-qorti ta' Strasbourg, ir-rikorrent ma setax jippromwovi l-azzjoni odjerna billi m'għandux *victim status* u għalhekk m'għandux *locus standi.*

»Għar-raġunijiet kollha premessi, il-qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi, filwaqt illi qiegħda tilqa' l-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3) u r-raba' (4) eċċezzjonijiet preliminari, qiegħda tiċħad it-talbiet kollha.

»Tordna lir-rikorrent sabiex iħallas l-ispejjeż kollha ta' din il-kawża.«

9. L-attur appella b'rikors tad-10 ta' Frar 2019, li għalih l-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija wieġbu fil-1 ta' Marzu 2019.

10. L-attur ressaq żewġ aggravji. Fl-ewwel aggravju jikkontesta d-deċiżjoni tal-ewwel qorti illi ma jistax jitqies li kien "vittma". Fisser dan l-aggravju hekk

»Dwar il-kwalifikazzjoni tal-esponenti bħala 'vittma'

»L-ewwel onorabbli qorti permezz tas-sentenza appellata ikkonkludiet illi:

»"d-dritt tutelat bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni huwa aċċessibbli biss għal dik il-persuna li tkun *the subject* ta' proċeduri fejn se jkunu determinati drittijiet jew obbligi ċivili, jew inkella dik il-persuna tkun imputat fi proċeduri kriminali li jiddeterminaw il-ħtija *o meno* tiegħu …

»"… din il-qorti hija tal-fehma li tenut kont tal-fatti u ċirkostanzi tal-każ, fl-isfond tal-ġurisprudenza tal-qrati tagħna u tal-qorti ta' Strasbourg, ir-rikorrent ma setax jippromovi l-azzjoni odjerna billi m'għandux *victim status* u għalhekk m'għandux *locus standi.*"

»Illi bl-ikbar dovut rispett, fid-dawl ta' diversi sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, l-esponenti ma jista' qatt jaqbel ma' tali konklużjonijiet.

»Fid-dawl ta' dawn il-konklużjonijiet, l-esponenti qiegħed jagħmel referenza għal sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet <u>Sidiropoulos and Papakostas *v.* Greece</u> deċiża nhar il-25 ta' April, 2018. F'tali proċeduri, ir-rikorrenti ħassewhom aggravati bil-mod kif tmexxew il-proċeduri kriminali fil-konfront ta' uffiċjal tal-pulizija illi kien aggredihom. Fil-kawża ċitata supra, ir-rikorrenti, illi fil-proċeduri domestiċi kienu meqjusa l-*parte civile*, allegaw illi *inter alia* ġie leż id-dritt fundamentali tagħhom illi jkollhom smigħ xieraq fi żmien raġjonevoli hekk kif sanċit fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, u dana *stante* li t-tul tal-proċeduri kriminali kien wieħed eċċessiv.

»Fl-istess proċeduri, il-Gvern Grieg allega illi l-applikazzjoni tar-rikorrenti kienet waħda inammissibbli u dana *stante* li skond l-istess gvern, ir-rikorrenti ma kinux jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' vittma u konsegwentament ma kellhomx *locus standi.* Madanakollu, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem għaddiet sabiex tiddikjara illi l-applikazzjoni tar-rikorrenti kienet tissodisfa l-vot tal-liġi u konsegwentament l-ilment tagħhom kellu jiġi kkunsidrat. Di fatti dwar l-ilment

a bażi tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Qorti Ewropea rriteniet illi:

> »"113. La Cour rappelle que le caractère raisonnable de la durée d'une procédure s'apprécie suivant les circonstances de la cause et eu égard aux critères consacrés par sa jurisprudence, en particulier la complexité de l'affaire, le comportement du requérant et celui des autorités compétentes ainsi que l'enjeu du litige pour les intéressés (voir, parmi beaucoup d'autres, Michelioudakis c. Grèce, no 54447/10, §§ 42-43, 3 avril 2012).
>
> »"114. La Cour a traité à maintes reprises d'affaires soulevant la question de la durée excessive des procédures pénales avec constitution de partie civile et a constaté la violation de l'article 6 § 1 de la Convention (voir l'arrêt pilote Michelioudakis, précité, et les références citées aux paragraphes 68-70).
>
> »"115. Après avoir examiné tous les éléments qui lui ont été soumis, elle considère que le Gouvernement n'a pas exposé de faits ou d'arguments pouvant justifier la durée de la procédure. Partant, il y a eu violation de l'article 6 § 1 de la Convention..
>
> »"… … …
>
> »"Dit qu'il y a eu violation de l'article 6 § 1 de la Convention en raison de la durée de la procédure devant la cour d'assises ;"

»Fid-dawl tas-suespost, għandu jiġi mfakkar illi fir-rikors promotur l-esponenti allega leżjoni tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta a bażi ta' diversi nuqqasijiet *inter alia* illi:

»• l-mod kif tmexxiet l-investigazzjoni tal-pulizija fil-konfront tar-rapport tiegħu, *ossia* l-appellant odjern, ma kinetx konformi mal-liġi u konsegwetnament tali investigazzjoni ppreġudikat il-każ fil-konfront tad-drittijiet tar-rikorrenti;

»• l-mod kif ġew ikkompilati u apprezzati l-provi prodotti kien mifni b'nuqqasijiet, liema nuqqasijiet ippreġudikaw il-proċess penali;

»• dwar il-fatt illi l-esponenti ma ngħata l-ebda dritt illi jappella mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati; kif ukoll li

»• tali proċeduri damu aktar minn disa' snin sabiex jiġu deċiżi u konsegwentament l-esponenti ma setax ikollu smigħ xieraq fi żmien raġjonevoli.

»Illi meta l-esponenti jagħmel referenza għall-każ *supra* ċitat u deċiż mill-Qorti tal-Maġistrati, meta jifli l-ilmenti u l-posizzjoni legali tal-applikanti Sidiropoulos u Papakostas, meta janalizza d-deċiżjoni tal-Qorti Ewropea u jqabbilhom mal-ilmenti tiegħu u sussegwentament mad-deċiżjoni tal-ewwel onorabbli qorti, huwa jasal sabiex, bir-rispett, jagħmel is-segwenti mistoqsijiet:

»1. Kif jista' qatt jingħad illi l-ewwel onorabbli qorti kienet korretta fil-konklużjonijiet tagħha meta jemerġi, fl-umli fehmha tieghu, biċ-ċar illi a bażi tal-ġurisprudenza ta' Strasbourg l-parti leża għandu dritt jibbaża l-ilment tiegħu fuq l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem?

»2. Kif jista' qatt jingħad illi l-esponenti ma għandux *victim status* meta l-qorti ta' Strasbourg stess, f'sitwazzjoni simili fil-każ ta'

Sidiropoulos u Papakostas, irrendiet l-applikazzjoni tagħhom bħala waħda ammissibbli u sussegwentament sabet leżjoni taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, hija u tiddetermina l-każ tagħhom kontra l-Greċja?

»3. Fuq l-istess linja ta' ħsieb, kif jista'qatt jingħad illi l-esponenti ma għandux *locus standi*?

»4. Kif jista' qatt jingħad illi l-esponenti ma setax jippromovi azzjoni a bażi tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem meta il-Qorti Ewropea stess aċċettat lil Sidiropoulos u Papakostas jippromovu tali azzjoni u effettivament tagħthom raġun?

»Fid-dawl ta' dan l-appell, l-appellant jagħmel referenza għal dak mgħallem ġewwa *The Hague* nhar is-7 ta' Ġunju, 2017 minn Dr Kinga Tiboni-Szabo u Megan Hirst fejn f'waħda mis-sessjonijiet tas-*Supranational Criminal law Lectures Series*[2] għallmu illi:

> »"Hirst argued that there must be a right to a fair trial for victims even if these are involved in the proceedings as participants and not as parties, and even if they do not have any possibility to seek reparations. The contention is founded primarily on two reasons: firstly, once victims are permitted to participate in the process, meaning and content must be given to such permission or this would be void of any significance, and secondly, if we were to ask ourselves whether the most basic guarantees should extend to victims, it would be rather difficult to argue that they should not. She illustrated a model scenario where the right to an impartial tribunal was not guaranteed: permitting a biased member of a tribunal to decide over a victim's case would not be acceptable, and this already amounts to recognising that there are minimum standards which must be applied to victims' participation as well.
>
> »"The question then would be, what are these minimum guarantees? Hirst and Tibori-Szabó outlined four primary areas of victims' participation modalities the review of which assisted them in determining whether the practice of tribunals such as the ICC[3] and the STL[4] ensures effective victims' participation. Such modalities were introduced as: a) the LRVs'[5] possibility to access the case file and the evidence adduced in its entirety; b) the ability to make submissions; c) the possibility to appeal adverse decisions, and d) the right to have access to legal aid."

»Fid-dawl tas-sentenza appellata, bir-raġun u bir-rispett, l-appellant iqajjem is-segwenti mistoqsijiet:

»1. Jekk qegħdin ngħidu li l-parti leża ma għandux dritt illi jkun hemm smigħ xieraq fi żmien raġjonevoli u jibbenefika minn dak li jid-disponi l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem mela allura l-istat jista' jdum *ad æternum* sabiex issir ġustizzja?

---

2 https://www.asser.nl/media/3939/final-report-scl-7-june.pdf

3 International Criminal Court.

4 Special Tribunal for Lebanon.

5 Legal Representative of Victims.

»2. Kif jista'qatt jinkwadra dak li tgħallem il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-bniedem illi '*The Court, in making its assessment, will look at the proceedings as a whole, having regard to the rights of the defence but also to the interests of the public and the victims that crime is properly prosecuted and, where necessary, to the rights of witnesses*'[6] meta hawn qed ngħidu illi l-parti leża ma għandux dritt jilmenta taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni?

»Fi ftit kliem, l-ewwel onorabbli qorti permezz tas-sentenza appellata ddeċidiet illi vittma ta' reat kriminali ma jista' qatt jallega illi fil-proċeduri kriminali institwiti proprju sabiex jissalvagwardjaw l-interessi tiegħu ta' vittma ta' reat kriminali, [liema proċeduri inbdew fuq rapport tieghu, liema proceduri tmexxew ghaliex il-prosekuzzjoni temmen li huwa vera vittima, proceduri li fihom huwa ġie ddikjarat bħala vittma u li fihom ħa sehem attiv], huwa ma jista' qatt jilmenta li nkisru d-drittijiet tiegħu, b'liema vjolazzjoni d-dannu minnu soffert originarjament, ghaddiet sabiex kabbret id-dannu minnu soffert mil-malviventi.

»Bir-rispett kollu però l-esponenti qatt ma jista' jaqbel ma' dan speċjalment fid-dawl tal-fatt illi l-leġislatur, mal-medda tas-snin qiegħed kontinwament jimplimenta att wara ieħor sabiex jikkristalizza l-posizzjoni tal-vittma f'proċeduri penali, atti bħalma huma l-Att dwar il-Ġustizzja Riparattriċi[7], kif ukoll iktar riċenti l-Att dwar il-Vittmi tal-Kriminalità[8].

»L-esponenti jemmen illi, fiċ-ċirkostanzi odjerni, ikun denju illi ssir referenza għad-dibatiti parlamentari illi wasslu għall-implimentazzjoni tal-Att dwar il-Vittmi tal-Kriminalità fejn ġie ritenut illi:

> »"Sa ftit tas-snin ilu, il-vittmi tal-kriminalità lanqas kellhom *locus standi* fi proċeduri kriminali. Dan il-*locus standi* tista' tgħid li beda, bil-mod il-mod, jikkristallizza ruħu wara l-emendi tal-2002 u dawk tal-2007: però xorta waħda kien hemm il-ħtieġa – u dan l-abbozz ta' liġi qiegħed jindirizzaha – ta' dawk il-*grey areas* biex tassew il-*locus standi* tal-vittmi tar-reati jkun fuq sisien aktar ċari u ċerti."[9]

»*Di più* għandha ssir referenza għad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-vittmi fi proċeduri kriminali[10], u ssir referenza b'mod partikolari għall-artikolu 2 tal-istess deċiżjoni fejn huwa ddikajrat illi:

> »"Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-vittmi jkollhom rwol sinifikanti u xieraq fis-sistema legali kriminali tiegħu. Dan għandu jkompli jagħmel kull sforz sabiex jiżgura li l-vittmi jkunu trattati bir-rispett dovut għad-dinjità ta' l-individwu matul il-proċeduri u għandu jirrikonoxxi d-drittijiet u l-interessi leġittimi tal-vittmi b'referenza partikolari għall-proċeduri kriminali."

---

6 <u>Habram and Dalem *v*, Belgium</u>, 17 ta' Jannar 2017.

7 Kap. 519.

8 Kap. 539.

9 Dibattiti tal-Kamra tad-Deputati, seduta numru 226, 13 ta' Jannar, 2015.

10 Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill, 2001/220/GAI.

»*Inoltre* fid-dikjarazzjoni tal-Ġnus Maqgħquda intitola *Declaration of Basic Principles of Justice for Victims of Crime and Abuse of Power*[11] ġie ddikjarat illi:

> »"Judicial and administrative mechanisms should be established and strengthened where necessary to enable victims to obtain redress through formal or informal procedures that are expeditious, fair, inexpensive and accessible."

»Fid-dawl tas-suespost, fl-umli fehemha tal-appellant, il-kuntest huwa ċar kristallin. Min-naħa l-wahda għandna l-Leġislatur Malti, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Ġnus Magħquda, ilkoll jippromovu d-drittijiet illi l-vittma għandu jkollu fi proċeduri penali u kif f'tali proċeduri kriminali għandu jkun hemm bilanċ bejn id-drittijiet tal-imputati u dawk tal-vittmi sabiex il-*locus standi* tal-vittmi tar-reati jkun fuq sisien aktar ċari u ċerti *u* min-naħa l-oħra hemm deċiżjoni li kkonkludiet, illi, jekk jirriżulta illi bil-proċeduri penali istitwiti mill-*parte civile*, ma jkunux jirrispettaw id-drittijiet tal-vittima, u li matul tali proċeduri ġew leżi diversi drittijiet tal-vittma, il-vittma ma jkollu l-ebda dritt illi jistitwixxi proċeduri kostituzzjonali fuq leżjoni tad-dritt fundamentali tiegħu proprju għax huwa vittma.

»Daqs li kieku fi proċeduri penali, id-dritt ta' smigħ xieraq għandu jkun imħares biss għall-imputat!

»Bir-rispett kollu, l-esponenti jisħaq illi dan huwa raġunar *contrario sensu*!

»X'jiswa illi l-vittma għandu diversi drittijiet però meta f'sitwazzjoni fejn l-istess drittijiet tieghu jiġu skartati, l-istess vittma ma jkollu l-ebda dritt u rimedju għal dan?

»Fid-dawl tas-suespost l-esponenti jisħaq bis-sħiħ illi l-ilment tiegħu huwa wieħed ammissibbli u konsegwentament l-ebda waħda mill-eċċezzjonijiet tal-intimati ma kellhom jintlaqgħu.«

11. Il-konvenuti wieġbu hekk:

»… [Fl-ewwel aggravju] jingħad li l-ewwel onorabbli qorti ma mxietx ma' diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem;

»Ta' min jgħid li, għalkemm l-appellant jisħaq li s-sentenza appellata tmur kontra għadd ta' sentenzi, fl-appell tiegħu huwa jsemmi biss waħda minnhom, dik ta' Sidiropoulos u Papakostas *v.* Il-Greċja maqtugħa fil-25 t'April 2018;

»Jiġi osservat ukoll li f'Taqsima V tas-sentenza appellata, l-ewwel onorabbli qorti għamlet rassenja twila ħafna, li tifrex fuq 65 paġna, ta' sentenzi mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali u anke mill-organi ġudizzjarji ta' Strasburgu dwar il-kunċett ta' *victim status*. Fosthom tissemma wkoll is-sentenza ta' Sidiropoulos u Papakostas *v.* Il-Greċja. Mhux il-każ għalhekk li l-ewwel onorabbli qorti ma ħaditx kont tal-ġurisprudenza dwar il-kunċett qabel ma hija għaddiet għall-konklużjonijiet tagħha;

[11] 29 ta' Novembru 1985, A/RES/40/34.

»Madankollu billi l-appellant fl-aggravju tiegħu qed isostni li l-ewwel onorabbli qorti ddeċidiet kontra l-mewġa tal-ġurisprudenza, *nolens volens* l-esponenti ħa jkollhom, anke jekk mhux fit-tul, jidħlu biex jaraw x'tgħid il-ġurisprudenza dwar dan is-suġġett u mbagħad japplikawhom għall-każ tagħna;

»Bħala daħla, hemm qbil fid-duttrina u fil-ġurisprudenza li biex ikunu applikabbli l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-ewwel u qabel kollox irid ikun hemm eżistenti dritt jew obbligu li huwa mħares fil-liġi domestika;

»Tabilħaqq skont prinċipji mtennija fil-ġurisprudenza, ara fost oħrajn Pudas *v.* L-Iżvezja tas-27 ta' Ottubru 1987, Z *v.* Ir-Renju Unit tal-10 ta' Mejju 2001 u Roche *v.* Ir-Renju Unit tad-19 ta' Ottubru 2005, "*the dispute over a right, which can be said at least on arguable rounds to be recognized under domestic law, must be genuine and serious, it may relate not only to the actual existence of a right but also to its scope and the manner of its exercise; and, finally the result of the proceedings must be directly decisive for the right in question*";

»Intqal dejjem fuq dan is-suġġett li, meta jkun hemm materji li jaqgħu esklussivament fid-diskrezzjoni tal-awtoritajiet pubbliċi, wieħed ma jistax jitkellem fuq drittijiet ċivili billi d-dritt ma jkunx imnissel awtomatikament mil-liġi iżda jkun jiddependi mid-diskrezzjoni ta' xi awtorità (ara Masson u Van Zon *v.* l-Olanda tat-28 ta' Settembru 1995);

»Issa f'dan il-każ l-appellant qiegħed jargumenta li ladarba huwa tħalla jieħu sehem attiv fil-proċeduri kriminali u ladarba bis-saħħa ta' dawk il-proċeduri kriminali huwa kellu ċ-ċans skont l-artikolu 532A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jikseb kumpens għall-ħsara li ġarrab minħabba l-allegat għemil kriminali tal-akkużati, allura fil-fehma tiegħu f'dawk il-proċeduri kriminali kienu qegħdin jiġu determinati d-drittijiet ċivili tiegħu u bħala riżultat ta' dan jiġu li jgħoddu għalih il-garanziji proċedurali msemmija fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea;

»Ta' min jgħid li l-kwistjoni ta' jekk parti ċivili tistax tqajjem ilment ta' ksur ta' smigħ xieraq minħabba l-mod ta' kif tmexxa proċess kriminali ġiet eżaminata ħafna drabi, kemm mill-organi ġudizzjarji tal-Kunsill tal-Ewropea, kif ukoll mill-Qorti Kostituzzjonali ta' pajjiżna;

»Il-pożizzjoni tal-organi ġudizzjarji tal-Kunsill Ewropa dwar din il-materja tinsab miġbura tajjeb ħafna fil-"*Guide on Article 6 of the European Convention on Human Rights – Right to a fair trial (civil limb)*", maħruġ mill-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u aġġornat sal-31 Diċembru 2018. F'paġna 15 ta' din il-gwida nsibu miktub hekk:

> »"Article 6 § 1 is also applicable to a civil-party complaint in criminal proceedings (*Perez v. France* [GC], §§ 70-71), except in the case of a civil action brought purely to obtain private vengeance or for punitive purposes (*Sigalas v. Greece*, § 29; *Mihova v. Italy* (dec.)). Indeed, the Convention does not confer any right, as such, to have third parties prosecuted or sentenced for a criminal offence (see also *Mustafa Tunç and Fecire Tunç v. Turkey* [GC], § 218). To fall within the scope of the Convention,

> such right must be indissociable from the victim's exercise of a right to bring civil proceedings in domestic law, even if only to secure symbolic reparation or to protect a civil right such as the right to a "good reputation" (*Perez v. France* [GC], § 70; see also, regarding a symbolic award, *Gorou v. Greece* (no. 2) [GC], § 24). Therefore, Article 6 applies to proceedings involving civil-party complaints from the moment the complainant is joined as a civil party, unless he or she has unequivocally waived the right to reparation, and as long as the criminal proceedings are decisive for the civil right to compensation that is being asserted (*Alexandrescu and Others v. Romania*, § 22). Accordingly, a case-by-case examination is necessary to determine whether the domestic legal system recognises the complainant as having an interest of a civil nature to be asserted in the criminal proceedings. It must be established that the complainant is seeking to secure the protection of a civil right and has an interest in claiming compensation, even at a later stage, for the violation of that right. Next, the outcome of the proceedings in question must be decisive for obtaining redress for the damage (*Arnoldi v. Italy*, §§ 31-36). The Court has specified that the question of the applicability of Article 6 § 1 cannot depend on the recognition of the formal status of a "party" in domestic law. Lastly, for Article 6 to be applicable, the date of submission of the compensation claim is not decisive, as the Court has found Article 6 to be applicable in cases where the claim had yet to be submitted or had not been submitted at all even though this possibility existed under domestic law (§ 29)."

»Fi ftit kliem, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-*Grand Chamber*, il-jedd għal smigħ xieraq jista' jiġi imqanqal minn parti privata f'kuntest ta' proċeduri kriminali meħuda kontra ħaddieħor, jekk dik il-parti ċivili turi li f'dawk il-proċeduri kriminali hija għandha jedd bil-liġi illi titlob li tiġi mħallsa kumpens għall-ħsara li tkun ġarrbet bħala riżultat ta' xi għemil kriminali mwettaq mill-akkużat u kif ukoll li dawk il-proċeduri kriminali huma determinanti biex hija tkun tista' tiġbor dak il-kumpens;

»Jiġifieri l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jidħol fix-xena għall-parti ċivili fi proċess kriminali, meta l-azzjoni kriminali u l-azzjoni ċivili tal-parti ċivili jiġu maqgħuda flimkien jew jiddependu minn xulxin u b'hekk ma jibqgħux aktar awtonomi u indipendenti minn xulxin;

»Hekk pereżempju fis-sistema legali Franċiża parti ċivili għandha l-jedd li tiġi mħallsa għall-kumpens minħabba ħsara mnissla minn reat jew billi tiftaħ proċeduri ċivili jew inkella billi tagħmel talba għalihom fil-proċeduri kriminali li jkunu nfetħu kontra min allegatament wettaq ir-reat u l-ħsara. Jekk il-parti ċivili tagħżel it-triq li titlob il-kumpens waqt il-proċeduri kriminali, allura l-parti ċivili ma tistax tmexxi 'l quddiem kawża ċivili qabel jintemm il-proċess kriminali. Minbarra dan, qorti mogħnija b'kompetenza ċivili trid toqgħod fuq is-sentenza mogħtija mill-qorti b'kompetenza kriminali, b'dana li jekk l-akkużat jiġi meħlus mill-akkużi, il-parti ċivili ma jkollhiex aktar jedd li titlob li titħallas għad-danni ċivili mnissla minn reat. Billi għalhekk, skont il-liġi Franċiża, il-jedd ċivili għad-danni jiddependi mill-eżitu tal-proċeduri kriminali, il-*Grand Chamber* tenniet li fil-kuntest tal-liġi Franċiża parti ċivili għandha kull dritt li tqajjem il-protezzjoni tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni

Ewropea b'rabta mal-proċeduri kriminali (ara Perez *v.* Franza tat-12 ta' Frar 2004);

»Li rridu naraw mela huwa kif il-liġi Maltija tirregola l-azzjoni ċivili u l-azzjoni kriminali;

»F'din il-qagħda, l-artikolu 3 tal-Kodiċi Kriminali jgħid li kull reat inissel azzjoni kriminali u azzjoni ċivili. L-azzjoni kriminali titmexxa quddiem il-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali u biha tintalab piena kontra l-ħati. Mill-banda l-oħra, l-azzjoni ċivili titmexxa quddiem il-qrati ta' ġurisdizzjoni ċivili u biha jintalab il-ħlas tal-ħsara li ssir bir-reat;

»L-artikolu 4 tal-istess Kodiċi jkompli jgħid li l-azzjoni kriminali hija waħda ta' sura pubblika u tmiss lill-istat u titmexxa fl-isem tar-Repubblika ta' Malta, bil-mezz tal-Pulizija Eżekuttiva jew tal-Avukat Ġenerali;

»Jirriżulta wkoll li fil-liġi tagħna, skont l-artikolu 6 tal-imsemmi Kodiċi, l-azzjoni kriminali u l-azzjoni ċivili jitmexxew indipendentement waħda mill-oħra. Dan jerġa' jiġi mtenni fl-artikolu 26 tal-Kodiċi Kriminali li jgħid li l-kundanna għall-pieni stabbiliti mil-liġi titqies dejjem li ġiet mogħtija bla ħsara tal-azzjoni ċivili u l-grazzja li tbiddel jew taħfer piena mogħtija skont il-liġi tħalli sħiħ il-jedd għall-azzjoni ċivili;

»Minn dan kollu jirriżulta li l-kompetenza tal-qorti tiddependi mill-għamla ta' kawża li titressaq quddiemha, u l-fatt li f'azzjoni ċivili ssir xilja ta' mġiba li, f'oqsma oħra, tista' tagħti lok ukoll għat-teħid ta' proċeduri kriminali, ma jġibx b'daqshekk li dik il-qorti tieqaf milli twettaq dmirha. Dan għaliex hija l-liġi nnifisha li trid li l-proċediment kriminali u dak ċivili dwar l-istess fatt jitmexxew għal rashom (ara *Chef Choice Limited v.* Raymond Galea *et* deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta' Settembru 2013, ikkonfermata fl-appell fis-27 t'Ottubru 2013);

»Skont il-ġurisprudenza lokali, lanqas il-fatt li l-konvenut fil-kawża ċivili jinħeles mill-akkużi miġjuba kontrih fi proċeduri kriminali ma hija raġuni tajba biex qorti ċivili tieqaf milli tqis it-talbiet attriċi għal ħlas tad-danni. Iż-żewġ proċedimenti jimxu għal rashom, u minbarra dan, kif inhuwa magħruf u aċċettat wkoll, il-grad ta' prova mistenni f'kawża ċivili huwa differenti minn dak mistenni f'kawża kriminali (ara Eucaristico Zammit *v.* Eustrachio Petrococchino *nomine et*, Appell Ċivili tal-25 ta' Frar 1952). Kemm hu hekk, filwaqt li fil-każ kriminali l-grad tal-prova huwa dak tat-tneħħija ta' kull dubju raġonevoli, fil-każ ċivili l-grad tal-prova huwa dak biss tal-probabbilità;

»Ta' min jgħid li l-awtonomija u l-indipendenza bejn l-azzjoni ċivili u l-azzjoni kriminali msemmija fil-Kodiċi Kriminali ilha sew aċċettata fis-sistema u l-ġurisprudenza Maltija sa minn żminijiet antiki ħafna. Kemm hu hekk, fis-sentenza Emmanuele Luigi Galizia *noe v.* Negte Emmanuela Scicluna, deċiża mill-Prim'Awla, Qorti Ċivili fl-4 ta' Novembru 1884, intqal li sentenza favur jew kontra f'sede kriminali "*non è d'ostacolo all'azione proposta, poichè di legge l'azione civile è indipendente dalla criminale*";

»Dan il-prinċipju ta' distinzjoni bejn l-azzjoni ċivili u l-azzjoni kriminali baqa' l-istess aktar minn mija u tletin sena wara din is-sentenza. Fil-fatt, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza, Mary Anne Borg *nomine vs. Korporazzjoni Enemalta et* deċiża fil-31 ta' Jannar 2014 baqgħet tisħaq li:

»"Kull reat inissel azzjoni kriminali u azzjoni ċivili (art. 3, Kod. Krim.) li huma indipendenti minn xulxin, u d-deċiżjonijiet tal-qrati ta' ġurisidzzjoni kriminali ma humiex konklużivi għall-għanijiet tal-azzjoni ċivili (ara Carmelo Micallef St John *et v.* Richard Spiteri *et*, App. Ċiv. 15 ta' Jannar 2002). Li ma kienx hekk, billi l-grad tal-prova huwa differenti fiż-żewġ azzjonijiet, l-attur fl-azzjoni ċivili kien ikollu jegħleb oneru ta' prova ogħla minn dak illi trid il-liġi ċivili. Is-sentenzi tal-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali huma ammissibbli bħala prova fl-azzjoni ċivili, u għandhom piż daqs kul prova ammissibbli oħra (ara Maria Debono *et v.* Michelina Apap *et*, App. Ċiv. 29 ta' Novembru 2013), iżda d-deċiżjoni għall-għanijiet tal-kawża ċivili tkun dik tal-qorti ċivili u mhux tal-qorti kriminali";

»Għaldaqstant fid-dawl ta' dak li tgħid il-liġi Maltija u fid-dawl ta' kif din il-liġi ġiet meqjusa mill-qrati Maltin matul is-sekli, m'hemmx dubju li fis-sistema legali Maltija, l-azzjoni ċivili u l-azzjoni kriminali jimxu għal rashom u ma jiddependux minn xulxin. Tassew fil-liġi Maltija, kuntrarjament għal dik imħaddna fil-liġi Franċiża, persuna li tqis ruħha vittma ta' reat għandha kull jedd li tressaq azzjoni ċivili għall-ħlas ta' danni kontra min wettqilha ħsara u dan lil hemm mill-proċeduri kriminali li jistgħu jittieħdu kontra l-persuna mixlija b'dak ir-reat. Anke l-eżitu fil-proċeduri kriminali ma joħloqx xi ġudikat fuq il-proċeduri ċivili;

»Issa fil-kuntest tal-kawża li għandna quddiemna, jekk l-appellant Carmel Aquilina jemmen li Ronald Aġius u Stephanie Theuma qarrqu bih biex jeħdulu flusu jew użaw b'mod ħażin il-flus li huwa kien newwlilhom, huwa ma kellux għalfejn joqgħod jistenna lill-pulizija biex tmexxi kriminalment kontra tagħhom. Lanqas ma kellu għalfejn joqgħod jistenna lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali biex tagħti s-sentenza kriminali tagħha, jekk huwa tassew ried imexxi kontra Ronald Aġius u Stephanie Aġius;

»Il-proċeduri kriminali mmexxija mill-pulizija kontra dawn iż-żewġ persuni ma kienu joħolqu l-ebda xkiel legali lill-appellant biex jekk irid iressaq kawża ċivili kontra tagħhom biex iħallsuh jew jagħmlu tajjeb għall-ħsara li huwa qed jallega li għamlulu;

»Ladarba l-proċeduri kriminali mmexxija mill-pulizija kontra Ronald Aġius u Stephanie Theuma ma kienu jolqtu bl-ebda mod il-jedd ċivili tal-appellant li jiftaħ kawża ċivili kontrihom, allura, bi tweġiba għall-ewwel aggravju tal-appellant, l-ewwel onorabbli qorti fis-sentenza appellata ma marritx kontra l-ġurisprudenza tal-organi ġudizzjarji tal-Kunsill tal-Ewropea meta qalet li f'dan il-każ l-appellant ma setax jinvoka favurih il-jedd għal smigħ xieraq biex jiċċensura l-mod ta' kif tmexxew il-proċeduri kriminali;

»Il-jedd ċivili tal-appellant li jfittex ċivilment lil Ronald Aġius u Stephanie Theuma bl-ebda mod ma ġie mittiefes minħabba l-mod ta' kif tmexxew u ntemmu l-proċeduri kriminali. Għalhekk l-appellant ma jistax jargumenta b'suċċess li l-jeddijiet ċivili tiegħu ġew maqtugħa jew b'xi mod ġew determinati mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Tassew dak il-jedd ċivili ma ntmessx bis-sentenza kriminali;

»L-appellant ma jgħidx sew fl-appell tiegħu li s-sentenza appellata tmur kontra s-sentenza Sidiropoulos u Papakostas *v.* Il-Greċja. Il-fatti li

kienu jmissu ma' dak il-każ kienu għalkollox differenti u ma jgħoddux għall-każ tallum;

»Skont l-artikolu 63 tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali Griega, parti ċivili għandha l-jedd li titlob lill-Qorti Kriminali sabiex tagħtiha kumpens għat-tbatija morali li ġarrbet minħabba għemil li jkun jikkostitwixxi reat. F'dak il-każ l-applikanti kienu ġew maħqura minn xi uffiċjali tal-pulizija u għalhekk fil-proċeduri kriminali meħuda kontra dawn il-pulizija l-applikanti skont il-jedd mogħti lilhom taħt l-artikolu 63 tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali Griega resqu talbu għall-ħlas ta' kumpens morali;

»Għall-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem (ara paragrafu 108 tas-sentenza), billi kienet il-liġi Griega stess illi kienet tagħti d-dritt lill-parti ċivili li jdaħħal talba għal danni ċivili f'kawża kriminali, allura dan kien ifisser li kienet il-liġi Griega stess li kienet qegħda tagħti s-setgħa lill-Qorti Kriminali Griega li tiddetermina jeddijiet ċivili tal-parti ċivili. Kien sewwasew għalhekk li dik il-Qorti ddeċidiet li l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea kien jgħodd għal dawk il-proċeduri;

»Mhux l-istess iżda jista' jingħad fil-każ tal-liġi Maltija għaliex il-parti ċivili m'għandu l-ebda jedd li f'kawża kriminali jitlob li jiġi mħallas kumpens. Taħt il-liġi Maltija l-jedd personali tal-vittma li jfittex għall-kumpens ċivili joħroġ minn azzjoni ċivili li jrid jiftaħ hu stess u mhux mill-azzjoni kriminali li tmiss biss lill-pulizija u lill-Avukat Ġenerali;

»Għalhekk bi tweġiba għas-sensiela twila ta' mistoqsijiet imressqa mill-appellant f'paġna 5 tal-appell tiegħu, l-ewwel onorabbli qorti ma mxietx kontra l-ġurisprudenza Ewropea marbuta mal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Hekk ukoll, l-ewwel onorabbli qorti qalet sew li l-appellant ma setax iqajjem favurih il-protezzjoni msemmija fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għaliex fil-proċeduri kriminali attakkati minnu ma kienu qegħdin jiġu deċiżi l-ebda jeddijiet ċivili tiegħu;

»F'dawn iċ-ċirkostanzi, l-appellant ma jistax isib wens fis-sentenza ta' <u>Sidiropoulos u Papakostas *v.* Il-Greċja</u>, għaliex il-liġi Maltija kontra l-liġi Griega żżomm l-azzjoni ċivili u l-azzjoni kriminali distinti minn xulxin;

»Hija wkoll barra minn lokha r-riferenza li permezz ta' nota 3, f'qiegħ paġna 7 tal-appell, l-appellant jagħmel għas-sentenza ta' <u>Habram u Dalem *v.* Il-Belġju</u> għaliex dak il-każ l-applikanti kienu persuni akkużati fil-proċess kriminali u mhux parti ċivili fihom;

»Lanqas ma huma ta' fejda għall-appellant ir-riferenzi li huwa jagħmel: (i) għad-diskorsi magħmula minn Dr Kinga Tiboni-Szabo u Megan Hirst; (ii) għall-Att dwar il-Ġustizzja Riparatriċi; (iii) għall-Att dwar il-Vittmi tal-Kriminalità; (iv) għad-Dibattiti Parlamentari tat-13 ta' Jannar 2015; (v) għad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2001/220/GAI; u (v) għad-Dikjarazzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar vittmi ta' reati;

»Lil hinn mill-fatt li din il-kawża ma saritx fuq dawn il-premessi iżda fuq ksur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, jidher li dak li qiegħed jaħrab lill-appellant huwa l-fatt li l-ewwel onorabbli qorti mkien ma qalet li vittmi m'għandhom jeddijiet ta' xejn fi proċeduri kriminali. Bil-kontra dak li qalet l-ewwel onorabbli qorti huwa biss li l-appellant ma kellux leġitimazzjoni attiva biex iqajjem kwistjoni taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea;

»Il-fatt li l-appellant bħala parti ċivili għandu ċertu jeddijiet waqt it-tmexxija ta' proċeduri kriminali, li joħorġu kemm mil-liġi kriminali Maltija (ara artikolu 410 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta) u kif ukoll mil-liġi internazzjonali, ma jfissirx b'daqshekk li allura f'dawk il-proċeduri kriminali sejrin jiġu deċiżu wkoll drittijiet ċivili tiegħu għall-għanijiet tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea;

»Fi kliem ieħor, imbilli l-appellant bħala parti ċivili għandu *locus standi* fil-proċeduri kriminali u jgawdi wkoll minn ċertu drittijiet, ma jfissirx b'daqshekk li huwa għandu wkoll il-jedd li jressaq azzjoni taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea (ara f'dan is-sens is-sentenza Onor Simon Busuttil *v.* L-Avukat Ġenerali deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fid-29 ta' Ottubru 2018);

»Fuq kollox, mhux minnu dak li jgħid l-appellanti li huwa jispiċċa mingħajr rimedju jekk huwa ma jitħalliex jinqeda bl-azzjoni kostituzzjonali. L-azzjoni ċivili biex ifittex lil min allegatament għamillu l-ħsara minn dejjem kienet miftuħa għalih, sa mill-ewwel jum li twettqet din l-allegata ħsara;

»Għal dawn ir-raġunijiet għalhekk l-ewwel aggravju tal-appellant ma ħaqqux illi jiġi milqugħ.«

12. Għandu jingħad qabel xejn illi l-leġittimazzjoni attiva biex tressaq azzjoni taħt id-disposizzjoniijet tal-Kostituzzjoni li jħarsu d-drittijiet fondamentali u dik biex tressaq azzjoni taħt l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, għalkemm jixxiebhu u qrib xulxin, ma humiex għalkollox identiċi. L-art. 116 tal-Kostituzzjoni jrid illi biex titressaq azzjoni taħt l-artt. 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni huwa meħtieġ "interess persunali b'appoġġ għall-azzjoni", waqt li taħt l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea huwa meħtieġ illi l-attur juri illi huwa "vittma" ta' ksur ta' xi jedd imħares taħt il-Konvenzjoni Ewropea. Għalkemm, kif ingħad, iż-żewġ kunċetti huma qrib xulxin u jixxiebhu, għax kull min hu vittma għandu wkoll, minħabba f'hekk, interess persunali, ma humiex identiċi, għax l-interess persunali jista' wkoll ikun usa'.

13. L-art. 532A tal-Kodiċi Kriminali jagħti lill-qorti, fil-każ ta' sejbien ta' ħtija ta' delitt, l-istess setgħat li jagħti l-art. 24 tal-Att dwar il-*Probation* [Kap. 446]. L-art. 24 igħid hekk:

> »**24.** (1) … qorti … tista'… tordna lill-ħati jħallas dawk id-danni għal xi feriment jew b'kumpens għal xi telfien hekk kif il-qorti jkun jidhrilha li jkun l-aktar raġonevoli.
>
> »(2) … … …
>
> »(3) Ordni għall-ħlas ta' danni jew kumpens kif hawn qabel imsemmi tista' tiġi infurzata bl-istess mod bħallikieku din kienet ingħatat f'azzjoni ċivili bejn il-ħati u l-persuna lil min id-danni jew il-kumpens jiġu ordnati li għandhom jitħallsu:
>
> »Iżda ebda naħa f'dan l-artikolu m'għandha tidderoga mid-dritt ta' dik il-persuna li tkopri kull ammont ieħor li jifdal b'xi mezz ieħor mingħand il-ħati jew mingħand xi persuna oħra li tista' tkun responsabbli għall-istess ħlas.«

14. Ladarba l-attur għandu l-possibilità illi, bil-mezz tal-azzjoni kriminali u bla ma jkollu jiftaħ ukoll azzjoni ċivili, jitħallas danni biex jagħmlu tajjeb għat-telf li ġarrab, ċertament għandu interess li l-azzjoni kriminali tħares ukoll – barra, naturalment, id-drittijiet tal-akkużat jew imputat – dan id-dritt tiegħu.

15. Ma jistax ma jingħadx, għalhekk, li għandu interess persunali biżżejjed biex jagħtih leġittimazzjoni attiva biex iressaq azzjoni taħt id-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni li jħarsu d-drittijiet fondamentali, fosthom dawk tal-art. 39.

16. Naturalment, dan għandu jsir bi tħaris tal-prinċipju illi l-azzjoni penali tibqa' azzjoni ta' natura pubblika, maħsuba primarjament għall-ħarsien tal-interess pubbliku. Għandu jsir ukoll b'ħarsien tad-drittijiet tal-akkużat, partikolarment b'rispett tal-funzjoni tal-prosekutur pubbliku li ma jħallix li jsiru prosekuzzjonijiet jew appelli fiergħa jew vessatorji. Fl-

ambitu ta' dawn il-limiti u kompatibilment magħhom, iżda, jibqa' l-interess persunali tal-parti ċivili li l-azzjoni titmexxa b'ħarsien ukoll tad-dritt tiegħu li s-smigħ ikun wieħed xieraq fi żmien raġonevoli.

17. Dwar l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, igħidu sew l-ewwel qorti fis-sentenza appellata u l-konvenuti fit-tweġiba tagħhom għall-appell illi, biex il-parti ċivili fi proċeduri kriminali tista' titqies vittma u għalhekk tinvoka l-art. 6 tal-konvenzjoni dawk il-proċeduri jridu jkunu determinanti għad-drittijiet tagħha: "*the result of the proceedings must be directly decisive for the right in question*"[12]. Fil-każ tallum ma jistax jingħad illi l-proċeduri kriminali huma "determinanti" għad-drittijiet ċivili tal-attur, għax l-attur seta' mexxa bil-kawża ċivili, u n-nuqqas ta' sejbien ta' ħtija fil-proċeduri kriminali ma huma ta' ebda ostakolu għall-kawża ċivili. Sewwa qalet għalhekk l-ewwel qorti, għall-għanijiet tal-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, illi "għar-rigward tal-każ tal-lum ma hemmx *victim status* għall-*parte civile* meta bil-proċeduri kriminali tkun determinata biss ħtija kriminali".

18. L-aggravju għalhekk sejjer jintlaqa' biss safejn jolqot l-art. 39 tal-Kostituzzjoni iżda mhux ukoll safejn jolqot l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

19. Fit-tieni aggravju l-attur igħid illi l-proċeduri kriminali kienu jiddeterminaw id-drittijiet ċivili tiegħu. Fisser dan it-tieni aggravju hekk:

> »Dwar id-Determinazzjoni tad-Drittijiet Ċivili tal-Appellant
>
> »… … … l-ewwel onorabbli qorti rrimarkat illi "jidher illi għar-rigward tal-każ tal-lum ma hemmx *victim status* għall-*parte civile* meta bil-

---

[12] De Tommaso *v.* L-Italja (Q.E.D.B. (GC), 23 ta' Frar 2017, rik 43395/09, § 144.

proceduri kriminali tkun determinata biss ħtija kriminali … Qed jingħad dan għaliex fis-sistema ġuridiku tagħna sal-lum, il-qrati ta' *indole* kriminali ma jagħmlu ebda likwidazzjoni ta' danni fil-każ ta' sejbien ta' ħtija kriminali tal-imputat".

»Bir-rispett kollu, però lanqas ma' dan il-punt ma jista' jaqbel l-appellant odjern.

»Għandu jiġi mfakkar dak li jiddisponi l-artikolu 532A tal-Kodiċi Kriminali, liema artikolu, għall-aħjar kjarezza tal-ħsieb, qiegħed jiġi hawn kwotat:

> »"Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 24 tal-Att dwar il-*Probation* għar-rigward tas-setgħa li għandha l-qorti li tordna lill-ħati jħallas id-danni għandhom ukoll *mutatis mutandis* japplikaw kull meta jiġri li persuna tingħata sentenza wara li tkun instabet ħatja ta' delitt."

»Kif jista' qatt jingħad illi l-ewwel onorabbli qorti kienet korretta fid-deċiżjoni tagħha meta rriteniet illi l-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali "ma jagħmlu l-ebda likwidazzjoni ta' danni fil-każ ta'sejbien tal-ħtija" meta kemm il-liġi kif ukoll fil-prattika jemerġi illi l-qrati ta' ġudikatura kriminali nostrana ġà japplikaw tali disposizzjoni u konsegwentaw ġà jillikwidaw id-danni sofferti mill-parti leża!

»… … …

»L-esponenti jistaqsi: Kif jista' qatt jingħad illi l-azzjoni kriminali ma setax kellha effett fuq id-drittijiet ċivili tal-esponenti meta kieku l-investigazzjoni saret kif kellha effettivament issir u kieku tali proċeduri kriminali saru b'konformità ma' dak illi jiddisponi l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, il-qrati ta' ġudikatura kriminali kellhom il-poter illi jillikwidaw id-danni sofferti?

»Fl-isfond tas-su espost qiegħda ssir referenza ukoll għal sentenza oħra tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet '<u>De Tommaso *v.* Italy</u> deċiża nhar it-23 ta' Frar, 2017 fejn il-Qorti rriteniet illi:

> "151. The Court therefore observes that there has been a shift in its own case-law towards applying the civil limb of Article 6 to cases which might not initially appear to concern a civil right but which may have direct and significant repercussions on a private right belonging to an individual (see *Alexandre v. Portugal*, n$^{o}$ 33197/09, § 51, 20 November 2012, and *Pocius v. Lithuania*, n$^{o}$ 35601/04, § 43, 6 July 2010)."

»Għandu jiġi mfakkar dak li ġie retenut mill-Qorti tal-Appell Ċivili fil-kawża fl-ismijiet <u>Godfrey Schembri *v.* Victor Portelli</u> deċiża nhar il-31 ta' Mejju, 2013 fejn il-qorti rriteniet:

> »"Għalkemm il-proċeduri kriminali huma distinti u separati minn dawk ċivili, qorti ta' ġurisdizzjoni ċivili tista' tirreferi għal dak deċiż f'kamp kriminali għall-fini tal-apprezzament tal-provi prodotti quddiemha, u s-sentenza hija prova li l-Qorti Ċivili tista' tqis u tikkunsidra. Il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża <u>Briffa *v.* Abela</u>, deċiża fit-28 ta' Marzu 2003, osservat li ma hemm xejn kuntrarju għall-esebizzjoni f'kawża ċivili ta' kopja ta' sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fuq l-istess fatti, iżda l-ġudizzju *in sede penale* jikkostitwixxi "waħda mill-provi, għalkemm hi prova importanti". Din il-qorti, fil-kawża <u>Xuereb v. Micallef</u>, deċiża fis-26 ta' Novembru 1923 kienet approvat dak li qal il-ġurista Laurent fis-sens illi '*si*

> *ritiene che il giudice civile può al bisogno attingere gli elementi della sua canonizazzione alle prove raccolta in procedimento penale*'."

»*Inoltre,* għalkemm l-ewwel onorabbli qorti rriteniet illi l-kawża ċivili hija distinta minn l-azzjoni kriminali però effettivament dan ċertament mhuwiex il-każ, iktar u iktar meta wieħed jifhem dak li jiddisponi l-artikolu 2154(2) tal-Kodiċi Ċivili fir-rigward tar-reat ta' frodi kif effettivament kien jirrigwardja l-każ odjern:

> "**2154.** (2) Iżda, kull min jisraq ħaġa, jew isir pussessur tagħha bil-mezz ta' reat ta' frodi, jew xjentement jirċievi jew jixtri dik il-ħaġa, meta jaf li kienet misruqa jew akkwistata bi frodi, ma jista' jippreskriviha qatt, igħaddi kemm igħaddi żmien."

»*Di fatti* l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet Ian u Jacqueline konjugi Busuttil *v.* Carmen Taliana deċiża nhar l-14 ta' Lulju, 2015 rriteniet illi:

> »"Din il-qorti tirreleva illi kemm is-sentenza ċivili bejn il-kontendenti tas-16 ta' Frar 2004 u kemm is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deċiża fit-12 ta' Gunju 2013 stabbilew bla dubju illi l-kuntrattazzjoni oriġinali magħmula bejn il-partijiet kienet il-frott ta' qerq punibbli bħala reat u kwindi ġustament japplika dak li jgħid l-artikolu 2154. Però l-istess artikolu jagħmel eċċezzjoni għall-invokazzjoni tal-preskrizzjoni taħt dak l-artikolu u jgħid li fejn ir-reat hu dak ta' serq jew frodi, ebda preskrizzjoni ma tista tibda tgħaddi."

»Għaldaqstant, *in vista* tal-fatt li min-naħa l-waħda l-Qorti Ewropea stess qiegħda tikkonċedi illi jeżistu sitwazzjonijiet fejn għalkemm *prima facie* ma jkunux ta' natura ċivili madanakollu jaf ikollhom effett fuq id-drittijiet ċivili tal-parti leża u min-naħa l-oħra jemerġi biċ-ċar illi kieku l-proċeduri kriminali saru in konformità mad-drittijiet tal-bniedem, dawn setgħu ikollhom impatt 'importanti' fuq il-proċeduri ċivili kemm mill-aspett probatorju kif ukoll mil-lat ta' preskrizzjoni, wieħed jista' jasal għall-konklużjoni illi l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem huwa applikabbli għar-rikorrenti, l-ilment tiegħu huwa wieħed ammissibbli u konsegwentament l-eċċezzjonijiet tal-intimati ma kellhomx jintlaqgħu.«

20. Il-konvenuti wieġbu hekk:

»It-tieni aggravju tal-appellant sa ċertu punt huwa tiġbida tal-ewwel wieħed. Essenzjalment, l-appellant jargumenta li l-ewwel onorabbli qorti qalet ħażin li l-qrati kriminali ma jillikwidawx danni għaliex dan joħroġ mill-artikolu 532A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Jgħid ukoll li fil-liġi Maltija ma hemmx distinzjoni bejn l-azzjoni ċivili u l-azzjoni kriminali għaliex qorti ċivili tista' tistrieħ fuq provi li jinġiebu f'kawża kriminali u li t-terminu ta' preskrizzjoni tal-azzjoni ċivili jiddependi fuq jekk l-għemil ikunx reat jew le;

»L-esponenti ma jiċħdux li skont l-artikolu 532A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, li jagħmel riferenza għall-artikolu 24 tal-Kap 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qorti mogħnija b'kompetenza kriminali għandha s-setgħa li jekk trid tordna lill-ħati li jagħmel tajjeb għad-danni li jkun ġab fuq il-vittima tar-reat jew fuq id-dipendenti tiegħu. Iżda fil-fehma tal-esponenti din is-

setgħa ma ssarrafx f'jedd ċivili tal-vittima li jitlobhom, iżda jekk xejn issarraf biss f'fakultà tal-qorti, li tordna l-ħlas tagħhom bħala parti mill-piena fuq il-ħati;

»Fil-ħsieb tal-esponenti, li kieku l-leġislatur ried li jagħti jedd ċivili lill-vittma biex jitlob ħlas għad-danni ċivili quddiem qorti b'kompetenza kriminali waqt proċeduri kriminali mnedija kontra l-akkużat, huwa kien jgħidu mill-ewwel. Madankollu mkien fil-liġi ma jingħad li vittma għandha d-dritt li tressaq talba quddiem qorti b'kompetenza kriminali sabiex hija tiġi mħallsa għad-danni li ġarrbet minħabba għemil imnissel minn reat. Kulma tgħid il-liġi huwa li l-qorti *ex officio* jekk trid tista' tordna l-ħlas ta' kumpens għad-danni;

»Li kieku l-liġi Maltija tgħid li vittma għandha l-jedd li tressaq talba waqt proċeduri kriminali sabiex hija tiġi mħallsa kumpens għad-danni li ġarrbet, kieku l-esponenti kien jaslu biex jaqblu mal-appellant li allura fil-proċeduri kriminali jkunu qegħdin jiġu determinati jeddijiet ċivili tal-vittma. Dan bħalma kien il-każ ta' <u>Sidiropoulos u Papakostas *v.* Il-Greċja</u>, fejn il-vittma kellha jedd skont il-liġi kriminali Griega li tressaq talba quddiem qorti kriminali biex tiġi mogħtija kumpens għad-danni morali. Madankollu dan il-liġi kriminali Maltija ma tgħidux, sewwasew għaliex skont l-artikoli 3, 4, 6 u 26 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, li ma nbidlux bid-dħul tal-artikolu 532A, il-jeddijiet ċivili mnissla minn pretensjonijiet ċivili għandhom jiġu eżerċitati f'kawżi ċivili u mhux waqt kawżi kriminali;

»Il-fatt li qorti b'kompetenza kriminali tista' tordna l-ħlas ta' kumpens lill-vittmi ma jbiddilx il-fatt li l-kumpens jiġi ordnat mill-qorti b'kompetenza kriminali bħala parti mill-piena mogħtija u mhux bħala jedd ċivili tal-vittma;

»Fuq kollox, li parti ċivili m'għandhiex jedd b'riħet l-artikolu 532A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta li tressaq kwistjoni kostituzzjonali ta' ksur ta' smigħ xieraq dwar proċeduri kriminali ġie mtenni mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza, <u>Jason Genovese *v.* Kummissarju tal-Pulizija *et*</u> deċiża fit-12 ta' Frar 2016. Fiha ntqal hekk:

> »"Fis-sentenza appellata l-ewwel qorti irriteniet illi ma hijiex konvinta li bl-applikazzjoni tal-artikolu 532A ikun hemm *joinder of the civil and criminal actions*. L-istess tirritjeni din il-qorti. L-iskop ewlieni ta' proċeduri kriminali jibqa' s-sejba ta' ħtija tal-imputat *oltre* kull dubju raġjonevoli u l-konsegwenti attribuzzjoni tal-piena f'każ affermattiv. Il-kelma 'tista'' (fl-art.24[1] tal-Kap.446) turi illi tali miżura mhijiex obbligatorja iżda diskrezzjonali għall-qorti. *Inoltre*, l-artikolu lanqas ma jipprekludi lill-parti leża milli tipproċedi bi proċeduri ċivili sabiex tiżgura l-jedd ċivili tagħha fil-konfront tal-imputati. Lanqas ma jiġri, bħal f'ġurisdizzjonijiet oħra, illi l-azzjoni ċivili tiġi sospiża sabiex u sakemm tiġi determinata l-kawża kriminali, tant, illi kif ġà ġie osservat, il-kawża ċivili tista' tirnexxi minkejja l-ħelsien tal-akkużat fil-proċeduri kriminali.
>
> »"Għaldaqstant, dan kollu jmur biex juri illi l-indipendenza tal-azzjoni ċivili minn dik kriminali fis-sistema ġudizzjarja tagħna hija waħda ċara u inekwivoka u tenut kont tal-fatt illi l-proċess kriminali li fih huwa *parte civile* l-appellant ma jinċidi bl-ebda mod fuq l-infurzar ta' dritt ċivili tiegħu quddiem il-qrati ċivili, l-artikolu 6(1) ma huwiex applikabbli għall-każ odjern."

»Għalhekk għar-raġunijiet fuq imsemmija l-appellant ma jistax jistrieħ fuq l-artikolu 532A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex jiġbed favurih l-applikazzjoni tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea;

»L-appellant lanqas ma huwa siewi meta jgħid fl-aggravju tiegħu li l-azzjoni ċivili hija mżewwġa mal-azzjoni kriminali għaliex fis-sentenza Godfrey Schembri *v.* Victor Portelli, Appell Ċivili tal-31 ta' Mejju 2013, intqal li qorti ċivili tista' tistrieħ fuq il-provi miġjuba f'azzjoni kriminali. Din is-sentenza anzi qalet li l-azzjonijiet ċivili u kriminali jibqgħu distinti;

»Tassew ma hemm xejn barra minn postu li qorti f'kawża ċivili tieħu qies tal-provi u x-xiehda li tkun inġabet quddiem qorti kriminali biex tasal għall-fehma tagħha dwar is-siwi tal-provi li jkunu nġabu u kemm wieħed jista' joqgħod fuqhom. B'daqshekk ma jfissirx li l-proċeduri ċivili u l-proċeduri kriminali jkunu saru ħaġa waħda għaliex il-proċeduri xorta jibqgħu differenti minn xulxin;

»Dwar dan il-punt, ġie mtenni mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza Francis Xuereb *pro et noe v.* Kontrollur tad-Dwana deċiża fl-10 t'Ottubru 2005,

> »"Dan premess, m'għandux jintnesa lanqas il-prinċipju sanċit fl-artikolu 6 tal-Kodiċi Kriminali illi l-ġudizzju ċivili huwa indipendenti minn dak kriminali. Dan anke jekk, kif jinsenja l-Laurent, "*il giudice civile può al bisogno attingere gli elementi delle sua canonizzazione alle prove raccolte in procedimento penale*" (Kollez. Vol. XXV P I p 689). Dan ifisser illi jekk in linea ta' massima mill-indipendenza tal-eżerċizzju taż-żewġ azzjonijiet tidderiva l-konsegwenza illi l-provi tal-azzjoni ċivili għandhom isiru *ex integro* quddiem il-Qorti Ċivili kompetenti, u dawk tal-azzjoni kriminali wkoll *ex integro* quddiem il-Qorti Kriminali (Kollez. Vol. XXXIV P II p 480), b'danakollu xejn ma josta illi jsir konfront bejn dawk il-provi għall-fini ta' l-attendibilità tagħhom u tal-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja (Kollez. Vol. XXXIX P II p 768). Hekk, per eżempju, fejn il-konvenut ikun issokkomba fil-ġudizzju kriminali għax kien ammetta l-imputazzjoni, dik l-ammissjoni tista', f'kawża ċivili għad-danni, tikkostitwixxi konfessjoni (Kollez. Vol. XLI P I p 744). Mhux prekluż għalhekk illi f' ġudizzju ċivili tiġi esebita sentenza mogħtija in sede kriminali (ara Kollez. Vol. XLII P II p 868)."

»L-azzjoni kriminali u l-azzjoni ċivili jibqgħu awtonomi minn xulxin għaliex bħalma ngħad fis-sentenza Joseph Ellul Sullivan *nomine v.* Kontrollur tad-Dwana deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Diċembru 2004, "ir-riżultamenti ta' Qorti Kriminali ma jistgħu jeżerċitaw l-ebda influwenza fuq din id-deċiżjoni; konsegwenza naturali tal-applikazzjoni tal-prinċipju li nsegwu illi l-azzjoni penali u l-azzjoni ċivili huma eżerċibbli indipendentement waħda mill-oħra (Kollez. Vol. XXXIV P II p 716)*";*

»Hekk ukoll fid-deċiżjoni fl-ismijiet Onor. Paul Boffa M.D. *noe et v.* Paul Zammit, tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, tas-6 ta' Frar 1950, ġie mtenni li dawn iż-żewġ azzjonijiet, "jappartjenu t-tnejn, kull waħda minnhom fl-isfera tagħhom, għal kriterji distintissimi li juru u jissenjaw żewġ ordnijiet ta' fattijiet umani li għandhom in komun il-vjolazzjoni tad-dritt, bid-differenza bejniethom tal-entità tal-vjolazzjoni u tal-forza perturbatriċi li dika l-istess forza teżerċita";

»Għalhekk minkejja li qorti ċivili għandha s-setgħa li tqis provi miġjuba minn proċeduri kriminali, b'danakollu l-proċediment kriminali u dawk ċivili xorta jitmexxew indipendentement il-wieħed mill-ieħor;

»Fl-aħħarnett l-appellant lanqas m'għandu raġun jgħid li l-azzjoni kriminali u l-azzjoni ċivili jidħlu f'xulxin fejn għandu x'jaqsam maż-żmien tal-preskrizzjoni tal-azzjoni ċivili. L-artikolu 2154 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta ma jiddependix fuq jekk hemmx sentenza ta' responsabbilità kriminali jew le. Jerġa' jiġi mfakkar li bil-liġi Maltija l-azzjoni ċivili u l-azzjoni kriminali ma jistgħux jippreġudikaw lil xulxin u għalhekk il-preskrizzjoni msemmija fl-artikolu 2154 la tista' tinkiseb u lanqas tista' tintilef skont kif tmur is-sentenza fil-proċeduri kriminali;

»Jgħoddx jew le l-artikolu 2153 jew l-artikolu 2154 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta ma jiddependix fuq jekk min qed jiġi mixli li wettaq il-ħsara jkunx instab ħati minn qorti b'kompetenza kriminali, iżda jiddependi fuq jekk il-fatti li jkunu ġabu magħhom il-ħsara jkunux jinkwadraw ruħhom taħt l-elementi ta' reat (ara f'dan is-sens is-sentenza Joseph Attard *et v.* Anthony Attard *et* maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta' Jannar 2018);

»Applikat dan kollu għall-każ tagħna, ifisser li s-sentenza kriminali mogħtija fl-20 ta' Ġunju 2018, li biha l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabet lil Ronald Aġius u lil Stephanie Theuma mhux ħatja tal-imputazzjonijiet imressqa kontrihom, ma hijiex ta' ħsara għall-appellant li jekk irid jagħmel użu għall-artikolu 2154(2) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, jekk kemm-il darba huwa jiftaħ azzjoni ċivili għad-danni fuq il-bażi ta' frodi u/jew riċettazzjoni u l-konvenuti jiddefendu lilhom infushom billi jqajmu l-preskrizzjoni msemmija fl-artikolu 2154(1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

»Tħares minn fejn tħares għalhekk anke dan it-tieni aggravju ma jirriżultax li huwa tajjeb u b'hekk għandu jiġi miċħud.«

21. Effettivament dan l-aggravju ġà ġie meqjus fil-konsiderazzjonijiet dwar l-ewwel aggravju. Il-possibilità li jingħata rimedju ċivili mill-qorti ta' kompetenza kriminali jagħti interess persunali lill-attur għall-għanijiet tal-art. 39 tal-Konvenzjoni, iżda ma jagħmlux vittma għall-għanijiet tal-art. 6 tal-Konvenzjoni għax xorta seta' jfittex rimedju bil-mezz tal-azzjoni ċivili, ladarba s-sentenza fil-kawża kriminali ma iddeterminatx id-drittijiet ċivili tiegħu.

22. Dan l-aggravju għalhekk, bħall-ewwel wieħed, sejjer jintlaqa' biss safejn jolqot l-art. 39 tal-Kostituzzjoni iżda mhux ukoll l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

23. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiddisponi mill-appell billi tilqgħu safejn jolqot l-art. 39 tal-Kostituzzjoni iżda tiċħdu safejn jolqot l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea: tgħid illi l-attur għandu interess persunali biex imexxi b'azzjoni taħt l-art. 39 tal-Kostituzzjoni iżda ma jistax jitqies vittma għall-għanijiet tal-art. 6 tal-konvenzjoni.

24. Tibgħat l-atti lura lill-ewwel qorti sabiex jitkompla s-smigħ tal-kawża kompatibilment ma' dak deċiż illum.

25. L-ispejjeż ta' dan l-episodju, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell, jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm